# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun

**Laqgħa Nru. 23/*2016***

Data: It-Tlieta, 5 ta' Lulju 2016

Ħin: 6.00p.m.

Post: Sala tal-Kunsill Lokali

Preżenti: Is-Sur Christian Sammut - Sindku
Is-Sur Vincent Bonello – Viċi Sindku
Is-Sur Antonello Cuschieri –Kunsillier
Is-Sinjura Louise Portelli – Kunsillier
Is-Sur Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Is-Sur Efrem Buttigieg - Kunsillier

***Karen Camilleri** – Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti talab li jkun skuzat minhabba mpenji ta' xoghol

Assenti: Is-Sinjura Carmen Borg

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li johorgu mill-Minuti
3. Festival tac-Cikkulata 2016
4. Korrispondenza
5. Hwejjeg ta' Natura Urgenti
6. Skeda ta' Pagamenti
7. Aġġornament

Kunsill Lokali – Ħamrun – Local Council
Triq id-Duka t'Edinburgh
Hamrun
Tel: 21222020, email: hamrun.lc@gov.mt

**Minuti – 23/*2016***

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 22 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

**Korrezzjoni tal-Minuti** — **Korrezzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li flimkien mal-aħħar paragrafu ta' sezzjoni 4 – Festival taċ-ċikkulata jiddaħħal dan il-kliem ' *Barra minhekk il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li l-Għaqda Mużikali San Gejtanu ħabbret id-data fil-Programm tagħhom, qabel ma kienu nfurmati l-membri bid-data magħżula u approvata mill-Kunsill'*

Il-Korrezzjoni ġiet milqugħa.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab korrezzjoni għall-Paragrafu 8.7 *fejn hu mhux staqsa, iżda ġibed l-attenzjoni li kien wasal iż-żmien li tinħareġ tender ġdida għas-servizz ta' Knis ta' Toroq.*

Il-Korrezzjoni ġiet milqugħa.

Il-Minuti ġew approvati bil-korrezzjonijiet unanimament.

## 2 Punti Mqajjma mill-Minuti

2.1 Il-Kunsillier Efrem Buttigieg infurma lill-membri li l-Video tad-Diska l-Gdida 'Propero Augesco' ghandu jkun lest sal-ahhar ta' Lulju. — **Diska Propero Augesco**

2.2 Is-Sindku nfurma lill-membri li issa ghaddiet il-Festa tal-Immakulata Kuncizzjoni u jidher li kollox mexa harir u l-Kunsill ma kellu l-ebda lment, dwar il-postijiet il-godda tal-Gabbani. Il-Kunsilliera Antonello Cuschieri u Efrem Buttigieg gibdu l-attenzjoni li issa li gejja l-Festa ta' San Gejtanu l-Kunsill ghandu joqghod attent ghal xi lmenti li jista' jkun hemm mir-residenti u minn tal-hwienet, minhabba s-siti l-godda tal-gabbani. — **Gabbani fil-Festi Titulari**

2.3 Il-Vici Sindku, Vincent Bonello gibed l-attenzjoni dwar is-sehem tas-Sur Mario Camilleri fl-organizzar tal-Festival tac-Cikkulata. Il-Vici Sindku spjega li hu jhossu agravat bl-atitudni li s-Sur Camilleri kellu matul is-snin, fejn minkejja li kien jinghata ordnijiet mill-Kunsill, kien jaghmel ta' rasu. Barra minhekk, matul l-edizzjoni tas-Sena 2015, is-Sur Camilleri ghogbu jgib dan il-festival qisu xi monti indjan. — **Festival tac-Cikkulata**

Il-Kunsillier Efrem Buttigieg gibed l-attenzjoni li fis-Seduta precedenti kien qal li mhux sewwa li s-Sur Camilleri ma jahdimx ma certu kunsilliera. Barra minhekk is-sena li ghaddiet, il-Kunsill kien iddiskuta s-sehem tas-Sur Camilleri bhala co-ordinator tal-attivita' u l-Kunsill kien approva lis-Sur

Camilleri bhala co-ordinator, ghaliex kien dahal iz-zmien tal-Festival u kien hemm qbil li dan se jigi diskuss ghas-sena ta'wara.

2.4 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri gibed l-attenzjoni li l-Kunsill kien approva l-hlas tal-permess ghall-attivita' tal-Car Show li jammonta ghal € 6.99 u mhux l-ispiza tal-Wardens.

**Ħlasijiet relatati mal-Car Show Organizzat mill-Kumm. Żgħażagħ Tamlin**

2.5 Il-Vici Sindku Vincent Bonello, staqsa x'sar dwar l-iskips fl-area tar-Rabbat fejn staqsa hux se jiccaqilqu jew le. Is-Sindku spjega li l-Kumpanija Greenpak qed tevalwa l-possibilta' li jsiru CCTV Cameras. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri li sfortunatament qed ikun hemm hafna lmenti minghand ir-residenti, dwar ir-rimi b'mod abbuziv hdejn dawn l-iskips, specjalment wara weekend.

**Skips f'Tar-Rabbat**

2.6 Il-Kunsillier staqsa jekk gewx ivverifikati l-Financial Statements ta' MCP Ltd tas-sena 2014 u 2015. Is-Segretarju Ezekuttiv assigurat li sas-Seduta li jmiss il-Kunsill ikollu kopja tad-Dokumenti mitluba.

**MCP Ltd – Financial Statements**

2.7 Is-Sindku pprezenta kopja tal-Ispecifications antiki tat-Tender Knis tat-Toroq u heggeg lill-membri sabiex jipprezentaw il-proposti taghhom sabiex jigu diskussi, għat-tender il-ġdid.

**Tender – Street Sweeping**

2.8 Dwar Punt 8.2, il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa fuq liema bażi kien mistieden Dr Aaron Farrugia. Is-Sindku spjega li Dr Farrugia minbarra li huwa kandidat ta ħafna għajnuna lill-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Cuschieri rrimarka li Dr Claudio Grech kien ukoll kandidat fuq dan id-distrett, iżda l-unika darba li kien mistieden kien is-sena li għaddiet. Barra minhekk Dr David Farrugia Sacco ma kienx inkluż fil-lista tal-mistednin. Il-Viċi Sindku Vincent Bonello sssuġġerixxa li jiġu mistiedna biss il-Membri Parlamentari tad-Distrett u x-Shadow Minister għall-Gvern Lokali. Il-Kunsillier Louise Portelli qalet li huwa mportanti li l-Kunsill Lokali jżomm l-image tiegħu. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri rrimarka li l-Kandidati jkollhom ħafna enerġija u entużjażmu u huwa mportanti li l-Kunsill iżomm kuntatt magħhom, għaliex jistgħu jkunu għajnuna għall-istess Kunsill. Fid-dawl ta' dan kollu kien hemm qbil li tiġi diskussa l-lista tal-Mistednin qabel jinħarġu l-inviti.

**Lista ta' Mistednin Jum il-Ħamrun**

## 3 Festa San Gejtanu 2016

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-kwistjoni tal-Gabbani hija settled. Telgħu l-poloz u kulħadd ħa postu. Is-Sindku spjega li se jiġu mġedda l-Kundizzjonijiet relatati ma' dawn il-permessi. Is-Sindku ssuġġerixxa li bħalma sar is-sena li għaddiet, jerġa' jiġi pprovdut is-Servizz ta' Mobile Toilets, is-Sibt u l-Ħadd tal-Festa, kif ukoll jerġa' jiġi pprovdut is-Servizz ta' Ambulanza waqt il-Marċ tal-Ħadd Filgħodu.

Is-Sindku ppropona wkoll li din is-sena jiżdiedu wkoll Bins tul Triq Kbira San Ġużepp bejn il-ġranet tas-Sibt u l-Ħadd tal-Festa.

## 4 Korrispondenza

**4.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat email mibgħuta mis-Sur Kenneth Cutajar dwar Memorandum Agreement u l-Kodiċi ta' Dixxiplina għall-ħaddiema taħt l-iskema tal-Komunita'. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li bl-iffirmar ta' dan il-Memorandum Agreement il-Kunsill se jkun obbligat iħallas Performance Bonus lil dawn il-ħaddiema.

CWSEF

Il-Kunsill approva l-iffirmar ta' dan il-memorandum bil-kundizzjoni li l-persentaġġi jiġu diskussi u approvati mill-Kunsill.

**4.2** Is-Sindku nfurma lill-membri li bħalissa l-Kunsill qed jilqa' applikazzjoni mingħand dawk interessati jiġu mpjegati bħala Cleaners fuq bażi Part Time. Għaldaqstant ġie ffurmat il-Bord tal-Għażla għall-Interviews, liema bord se jkun iffurmat minn:

Is-Sindku, Christian Sammut
Is-Sinjura Carmen Borg
Is-Sinjura Louise Portelli
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Cirkulari 4/2016 – Skema Impjieg CIES

**4.3** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat għall-attenzjoni tal-Kunsill Ċirkulari 5/2016 – Permessi għall-Ħatt ta' merkanzija minn fuq Trailers.

Ċirkulari 5/2016 – Permessi għall-Ħatt ta' merkanzija minn fuq Trailers

## 5 Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti

**5.1** Ġiet ippreżentata Draft tal-iSpecifications għall-Event Co-Ordinator taċ-Chocolate Festival. Saret diskussjoni u ġew emendati xi punti. Il-Kunsill qabel li tinħareġ *Tender* u mhux *Quotation*, sabiex b'hekk il-Kunsill ikollu stampa aktar wiesgħa ta' x'joffri s-suq.

**Tender – Event Co-Ordinator Festival taċ-Ċikkulata**

Barra minhekk ġie rrimarkat li huwa mportanti li l-Marketing tal-Attivita' jinbeda mill-aktar fis. Ġie propost li jinħadem Poster tal-attivita' sabiex jiġi diskuss u approvat.

**Festival taċ-Ċikkulata**

Ġie maqbul ukoll li bħalma sar is-sena li għaddiet l-Entertainment jitħalla f'idejn il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ.

Il-Kunsillier Louise Portelli se tgħin fil-Marketing tal-Attivita'.

**Responsabbiltajiet tal-Kunsillier fl-organizzar tal-Festival taċ-Ċikkulata**

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello jista' jgħin billi jikkuntattja Kumpaniji għal Sponsors.

Is-Sindku nfurma li se jkun qed jitlob li jagħmel meeting mal-Kumpanija Benna. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ qal li kienet idea tajba ħafna li l-Konferenza Stampa nżammet barra mill-uffiċċji tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-għaqdiet sabiex jipparteċipaw fil-Festival.

Is-Sindku ppropona li waħda mit-toroq tal-festival, tkun mimlija b'artisti Ħamruniżi. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa hux possibli li jipparteċipa wkoll is-Sur John Baraldi, permezz tal-Ktieb 'The Great Book of Ħamrun' u forsi jtella' wirja ta' Ritratti wkoll. Is-Sindku assigurah li se jitkellem mas-Sur Baraldi dwar din il-proposta.

**5.2**

**Catch D Festa Competition**

Is-Sindku ppropona li wara s-suċċess tas-sena li għaddiet, terġa' tiġi organizzata t-Tieni Edizzjoni ta' Catch D Festa Competition.
Il-Kunsill approva din l-attivita'.

**5.3**

**Skedar ta' Statwi/Niċeċ**

Is-Sindku nfurma lill-membri li tkellem mas-Sur Max Farrugia dwar Eżerċizzju ta' Skedar tal-istatwi/niċeċ kollha eżistenti fit-toroq tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li jinbeda eżerċizzju ta' identifikazzjoni tal-istatwi u jinbeda l-proċess għall-iskedar tal-istess statwi.

**5.4**

**Statwa ta' Santa Liena fi Triq Villambrosa**

Is-Sindku nfurma lill-membri li bosta residenti minn Triq Villambrosa avviċinawh u nfurmawh li l-istatwa li kienet tinsab fuq bejt privat, sparixxiet. Is-Sindku nfurma lill-membri li wara nvestigazzjoni li għamel, irriżulta li persuni, li jgħixu fil-propjeta' fejn kienet tinsab l-istatwa, qabdu u biegħuha lil terzi. Din l-istatwa hija propjeta' ta' John's Group Ltd u mhux tal-persuni li biegħuha. Is-Sindku nfurma wkoll li għamel kuntatt max-xerrej u qallu biex jirritorna l-istatwa lura. Is-Sindku nfurma wkoll li l-bejjiegħa lesti jagħtu refund lil min xtraha u l-istatwa tinġieb fil-Binja tal-Kunsill, sakemm terġa' tittella' lura f'postha. L-ispejjeż involuti f'dan kollu huwa l-ġarr tal-istatwa, liema statwa tista' tinġieb mill-ħaddiema tal-Kunsill, bil-vann tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello qal li ġaladarba din l-istatwa hija propjeta' privata, l-Kunsill m'għandux jidħol f'din il-kwistjoni.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li l-Kunsill iġib l-approvazzjoni ta' John's Group li l-istatwa tista' tinżamm fil-binja tal-Kunsill u jieħu parir legali.

Il-Kunsillier Louise Portelli staqsiet *what's the use* li l-Kunsill jidħol f'dan il-*hassle* kollu.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello saħaq li ġaladarba din l-istatwa hija ta' John's Group, il-Kunsill għandu jkellimhom, tinġieb l-istatwa u jkunu huma responsabbli l-istatwa titella' postha.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li tintbagħat korrispondenza bl-Avukat lil John's Group dwar din il-kwistjoni.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu joqgħod attent anke f'każ ta' ġarr, għaliex jekk tinkiser x'jiġri?

Il-Kunsillier Louise Portelli qalet li dan il-każ jista' joħloq preċedent u l-Kunsill jispiċċa mdaħħal f'xi bawxata.

Għaldaqstant kien hemm qbil li jittieħed parir legali dwar din il-kwistjoni.

**Laqgħa lill-Għaqdiet Volontarji**

5.5 Is-Sindku nfurma lill-membri li aktar kmieni matul il-ġimgħa nżammet laqgħa għall-għaqdiet mill-Malta Council for the Voluntary Sector fejn dawk preżenti ingħataw informazzjoni dwar x'fondi hemm offruti lill-NGO's u l-importanza li kull għaqda tkun irreġistrata u jkollha l-VO Number.

**Tneħħija ta' ħajt minn mal-Ħamrun Nursery fi Triq Alexander**

5.6 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Ħamrun Spartans Nursery se jibdlu l-flood lights u l-fencing tal-Ground u qed jitolbu li jinteħħa l-ħajt eżistenti fi Triq Alexander. Il-Kumitat qed jitlob ukoll li l-jinkrew żewġ skip u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv jiġbdet l-attenzjoni li l-ħaddiema tal-Kunsill mhumiex bennejja u għaldaqstant mhux fil-kompitu tagħhom li jagħmlu dan ix-xogħol. Is-Sindku nfurma lill-membri li l-ħaddiema aċċettaw li dan ix-xogħol jagħmluh huma.

Il-Kunsill approva li jsir dan ix-xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Sala fi Triq il-Ferrovija**

5.7 Is-Sindku ppropona li s-Sala l-ġdida fi Triq il-Ferrovija tiġi inawgurata fi żmien iċ-Chocolate Fesival.

**Ilmenti mill-Vici Sindku**

5.8 Il-Viċi Sindku nfurma lill-membri li ilu xhur jitlob li jsir railing ma taraġ quddiem passaġġ ta' blokka tal-flats li Triq Melitone Scerri.

5.9 Il-Viċi Sindku nfurma lill-membri li hemm bżonn li jsir żebgħa ta' ħadid fi Triq il-Kbira San Ġużepp faċċata ta' Triq Giovanni Barbara.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Viċi Sindku li dawn ix-xogħlijiet jinsabu fil-Programm tax-Xogħol tal-ħaddiema tal-Kunsill.

5.10 Il-Viċi Sindku staqsa x'sar dwar il-każ tas-Sur Ray Pellicano. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ħlas baqa' ma' sarx lis-Sur Pellicano.

5.11 Il-Viċi Sindku nfurma li quddiem MAP Electronics, fi Triq Kappillan Mifsud hemm ħsarat estensivi u jeħtieġ li ssir manutenzjoni mill-aktar fis possibli. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se ssir site inspection mill-ħaddiema u jekk dan ix-xogħol jista' jsir minnhom se jiddaħħal fil-programm tax-xogħol.

5.12 Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li quddiem Johnny's Bar fi Triq il-Kbira San Ġużepp isir armco barrier għaliex tinsab perikoluża ħafna.

**5.13** Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li l-Kunsill ikellem lill-Kumitat ta' Ħamrun Spartans sabiex jara hux possibli li jagħtu sala u jsiru laqgħat dwar saħħa u Sports. — **Ilmenti mill-Kunsillier Louise Portelli**

**5.14** Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li jsir żbir ta' siġar tul Triq San Ġorġ Preca, minħabba l-fatt li qed jaqa' ż-żahar tas-siġar u jtebba' l-vetturi li jkunu pparkjati. — **Ilmenti mill-Kunsillier Efrem Buttiġieġ**

**5.15** Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li qrib 2nd Image fi Triq il-Kbira San Ġużepp issir MC Bay.

**5.16** Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li jsir extension tad-double yellow lines fi Triq Turu Lentini — **Ilmenti mill-Kunsillier Antonello Cuschieri**

**5.17** Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li jitkomplew il-parking bays fi Triq il-Kbira San Ġużepp in-naħa tal-Blata l-Bajda.

**5.18** Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li tiġi nstallata UBAR fi Triq Kanonku Bonnici.

## 6 Aġġornament

6.1 Il-laqgħa ntemmet fid-20.45p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 10 t'Awwissu 2016 fis-6.00p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _________________________ | ______________________ |
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: Minuti Approvati waqt Seduta Nru 24 li nżammet nhar l-Erbgħa 17 ta' Lulju 2016